"Dar Birzebbuga" Triq Santa Marija - Birzebbuga Tel : 21650165 Fax :21650444

*Motto*: **PACI U SAHHA LIL KULHADD**

**Minuti tal-laqgħa numru 07/10 tal-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa li saret fl-uffiċċju tal-Kunsill nhar it-Tlieta, 22 ta' Ġunju 2010 fis-6.00pm**

| *Prezenti* | *Membri* |
|---|---|
| **Sindku** | **Is-Sur Joseph Farrugia** |
| **Kunsillieri** | **Is-Sur Joseph Baldacchino**<br>**Is-Sur Jesmond Borg**<br>**Mrs Sarah Cuschieri**<br>**Mrs Bernardette Pace**<br>**Is-Sur Tony Roberts**<br>**Is-Sur Rocco Zahra** |
| **Segretarju Eżk.** | **Maria Galea** |
| **Skuzati** | **-** |

## ***<u>AĠENDA -1</u>***

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 06/10 tqassmu minn qabel u ġew meħuda bħala moqrija. J.Baldacchino ippropona u R.Zahra issekonda mozzjoni biex il-Minuti jkunu jistgħu jiġu ffirmati kif ippreżentati mis-Sindku u s-Segretarju Eżk. bħala dokument korrett. Kulħadd qabel.

## ***<u>AĠENDA -2</u>***

*01/06 -* B.Pace ressqet ittra quddiem il-mejda ta' Merlin Library fejn qed jippromovu sensiela ta' kotba għat-tfal. Il-Kamra qablet li dawn il-kotba għandhom jinxtraw għal-librerija lokali.

*02/06 -* Bħas-snin preċedenti tressqet talba mill-Birżebbuġa Aquatic & Sports Club fejn għal darba oħra ser jorganizzaw Skola Sport għat-tfal tal-lokal. Il-Klabb qed jitlob lill-Kunsill sabiex iħallas għall-ispejjeż tat-trasport li jammonta €900. Fid-dawl tal-Liġi tal-Kunsilli Lokali li nbidlet nhar l-1 ta' Novembru 2009, il-Kunsill ma laqax din it-talba. Pero' wara diskussjoni il-Kamra qablet li għandna nġibu informazzjoni mill-Kunsill Malti għall-Isport jekk hemmx xi tip ta' fondi li jistgħu japplikaw għalihom l-NGO's.

*03/06 -* Il-Birżebbuġa Windmill F.C. ser jieħu sehem f'attivita' ta' futbol internazzjonali. Il-klabb qed iressaq talba quddiem il-Kunsill sabiex jagħti l-għajnuna tiegħu u jkopri parti mill-ispejjeż involuti ma' din l-attivita'. Fid-dawl tal-Liġi tal-Kunsilli Lokali li nbidlet nhar l-1 ta' Novembru 2009 il-Kunsill ma laqax din it-talba.

*04/06* - Tressqet talba mingħand is-Sur Philip Azzopardi għan-nom ta' MJS Holdings sabiex għall-perijodu ta' 1 ta' Lulju 2010 sat-30 ta' Settembru 2010 jarma Go Carts/Mini Motors fil-Bajja s-Sabiħa. Wara diskussjoni l-Kamra ma laqgħetx din it-talba minħabba li fil-viċin diġa hemm permess tal-Kunsill sabiex jintrama apparat simili.

*05/06* - Tressqet talba minn ġenituri li t-tfal tagħhom jużaw is-servizz tal-*ispeech therapy* tal-Gvern sabiex tibda tintuża s-Sala tal-Kunsill għal dan is-servizz. Dan minħabba li l-berġa ta' Birżebbuġa tinsab fi stat ħażin ħafna u t-tiswija li issa ilha għaddejja diversi xhur mixja bil-mod ħafna. Il-Kamra qablet li għanda ssir pressjoni ma' min hu kkonċernat sabiex ix-xogħol ta' tiswija fil-berġa jitlesta kemm jista' jkun malajr u jsir arranġament sabiex sakemm dan isir tkun tista' tintuża s-Sala tal-Kunsill.

J.Baldacchino, minħabba impenn ieħor li ma kellux kontroll fuqu, talab biex jiġi skużat u ħareġ mill-kamra.

*06/06* - Il-Hibernians Budokwai Judo Club (HBJC) jixtieq jorganizza r-raba' edizzjoni taż-ZuzuR Kids Judo Festival fit-Teatru Grieg fil-Bajja s-Sabiħa nhar il-Ħamis, 22 ta' Lulju 2010 bejn is-7.30pm u 9.30pm. Il-Kunsill ma sab l-ebda oġġezzjoni u laqa' din it-talba.

***AĠENDA -3***

Is-Sindku informa l-Kamra fir-rigward tal-laqgħa li hu attenda flimkien ma' T.Roberts u s-Segretarju Eżekuttiv ma' rappreżentanti tal-Port Ħieles, fejn dawn urew interess li jistabilixxu relazzjoni tajba mal-Kunsill u wrew ix-xewqa li laqgħat simili jsiru ta' spiss. Il-Kunsill intalab jagħti kopja tal-proġett ta' Wied Il-Buni li għalih hemm applikazzjoni l-MEPA sabiex tiġi diskussa quddiem il-bord tal-Port Ħieles. Il-Kamra qablet li l-Kunsill qatt ma kien kontra l-ħolqien tax-xogħol jew il-Port Ħieles imma dejjem jagħmel li jista' għal ġid tar-residenti. Is-Sindku informa l-Kamra li nhar il-Ħamis 24 ta' Ġunju 2010 ser tinstema' quddiem il-bord tal-MEPA l-applikazzjoni Nru. PA 2217/09 - Terminal 2 North & West Quay Upgrade.

***AĠENDA -4***

Tressqu fuq il-mejda tal-Kamra l-pagamenti u l-*purchase requests* għax-xahar ta' Ġunju 2010. Peress li ma kien hemm l-ebda oġġezzjoni jew amendi ġiet approvata biex is-somma ta' €70,737.49 titħallas skond Skeda Nru. 06/10.

***AĠENDA -5***

1. Il-Kamra ġiet infurmata:

   - fir-rigward tad-disinn tar-*roundabout* ta' San Ġorġ.
   - li l-Kunsill ser japplika taħt l-iskema U.I.F. għal bdil taċ-*chainlink fencing* tal-futbol *ground* u tal-*iskateboard park* fejn f'dan tal-aħħar ser napplikaw ukoll għar-rampi tal-konkos.
   - li l-latrini pubbliċi qed idumu miftuħin sal-10.00pm.
   - li minn nhar il-Erbgħa, 26 ta' Ġunju 2010 ser tinfetaħ is-sejħa għal kwotazzjonijiet ta' karru għal ġarr tal-mutur tal-ħart.
   - li s-Sindku ħareġ sejħa għal kull min hu nteressat sabiex jagħmel disinn għall-monument bit-tema tal-motto tal-lokal "Paċi u Saħħa lil Kulħadd".

- li nġabet stima sabiex issir *physical stocktake* tal-inventarju skond kif kien issuġġerit fil-*management letter* tal-Awdituri. Minħabba li l-ispiża telgħet għal €4600 il-Kamra qablet li għandu jintalab l-approvazzjoni tad-Dipartiment sabiex nagħtu x-xogħol lill-Accountants li għandhom il-kuntratt mal-Kunsill.

2. R.Zahra ġibed l-attenzjoni tal-Kamra fir-rigward tal-Kuntrattur tal-knis tat-toroq fejn qiegħed ikun hemm ħafna problemi minħabba li mhux qiegħed jimxi skond is-*schedule* tal-knis inkluża mal-kuntratt. Issa li wasal is-sajf il-ħmieġ ser ikompli jiżdied. Wara diskussjoni il-Kamra qablet li għandu jinħareġ *warning* lill-Kuntrattur sabiex jagħraf jirregola ruħu. Ukoll R.Zahra ġibed l-attenzjoni tal-Kamra li l-Kuntrattur tal-ġbir tal-iskart m'huwiex jissupplixxi lill-kolletturi b'ingwanti adegwati.

3. S.Cuschieri ressqet suġġeriment sabiex il-mogħdija li hemm biswit Triq Belle-Isle tingħalaq għall-karozzi u tinżamm bħala passaġġ għan-nies kif kienet oriġinarjament.

4. Is-Sindku informa l-Kamra li beda x-xogħol ta' *resurfacing* mad-dawra tar-*roundabout* ta' San Ġorġ.

5. R.Zahra informa l-Kamra li l-Onor. Dr.Franco Debono għamel interpellanza fil-Parlament sabiex il-Kunsill Lokali ta' Birżebbuġa jingħata kompjuters għall-monitoraġġ tal-arja. J.Farrugia informa l-Kamra li waqt il-*hearing* tal-MEPA fir-rigward ta' PA 4854/09 Inġinier tal-Enemalta kien infurmah li l-Enemalta ser tipprovdi dawn il-kompjuters lill-Kunsill. Kulħadd qabel li dawn il-kompjuters huma bżonnjużi u ta' importanza. R.Zahra issuġġerixxa li għandha tinkiteb ittra ta' ringrazzjament lill-Onor. Dr. Franco Debono. Kulħadd qabel li meta l-kompjuters jaslu għand il-Kunsill għandha tinkiteb ittra ta' ringrazzjament lil dawk kollha nvoluti.

6. T.Roberts ressaq quddiem il-Kamra talba verbali ta' sidien tal-ħwienet fejn qed jitolbu sabiex isiru *mobile toilets* max-Xatt tal-Qajjenza. Il-Kamra wara diskussjoni ma laqgħetx din it-talba.

***<u>Għeluq</u>***

Minħabba li ma kien fadal l-ebda suġġett ieħor x'jiġi diskuss, is-Seduta ġiet iddikjarata magħluqa fit-7.45pm. Seduta oħra ser issir nhar il-Erbgħa, 14 ta' Lulju 2010 fis-6.00pm. .

| | |
|---|---|
| **.........................................** | **...............................................** |
| **Joseph Farrugia** | **Maria Galea** |
| **Sindku** | **Segretarju Eżk.** |

| Schedule of Payments 06/10 | | | |
|---|---|---|---|
| **Period 01/06/2010 till 30/06/2010** | | | |
| **Cheque** | **To** | **For** | **Amount Euro** |
| 7949 | OPM | Advert | € 79.40 |
| 7950 | Maltapost plc. | Postage Stamps | € 95.00 |
| 7798 | Sterling Security | Warden Service - Pretty Bay | € 39.60 |
| 7838 | Air Malta | Brussels Air Ticket | € 364.01 |
| 7839 | Joseph Farrugia | Mayors Allowance May 10 | € 520.50 |
| 7840 | Maria Galea | Salary - Sec May 10 | € 1,630.65 |
| 7841 | Simone Fenech | Salary - Clerk May 10 | € 1,138.26 |
| 7842 | Stephanie Aloisio | Salary - Clerk May 10 | € 1,186.85 |
| 7843 | Eleonor Manicaro | Wage - Clerk May 10 | € 41.95 |
| 7844 | Kimberly-Jo Fenech | Wage - Clerk May 10 | € 41.95 |
| | Tony Minuti | Grass Cutting | € 68.71 |
| | Koperattiva Tabelli u Sinjali | Pavement Scarifying and Non-Slip Painting | € 2,236.80 |
| | JJ Ironmongery | Various Hardware Goods | € 805.00 |
| | J Brincat | Newspapers March - April 10 | € 90.00 |
| | Roc-A-Go Crane Service | Towing Service | € 47.20 |
| | Central Districts Office | Patching | € 1,990.45 |
| | Smart Office Supplies | Epson Ink | € 403.67 |
| | Tarcisio Caruana Ltd. | Various Hardware Goods | € 139.11 |
| | JM Installations | Light Repairs | € 4,361.76 |
| 7847 | Commissioner Of Inland Revenue | PAYE and NIC May 10 | € 1,497.94 |
| 7846 | RVS Ltd. | Refuse Collection May 10 | € 8,008.00 |
| | ELC | Upkeep Public Gardens May 10 | € 1,147.92 |
| | New Era | Street Sweeping May 10 | € 1,939.58 |
| | Ronald & Chris Bezzina | Upkeep Public Convenience May 10 | € 1,017.29 |
| | Ronald & Chris Bezzina | Cleaning Public Places May 10 | € 332.92 |
| | Pauline Ellul | Office Cleaning May 10 | € 95.00 |
| | Ronald & Chris Bezzina | Bulky Refuse May 10 | € 154.50 |
| | Tino 2000 | Office Supplies | € |

| | | | |
|---|---|---|---|
| | | | 36.07 |
| | Michael Magro | Reimbursed Expenses | € 40.00 |
| | Raymond Vella | Reimbursed Expenses | € 40.00 |
| | Duraprint | Stationery | € 24.78 |
| | Piscopo Gardens | Trees | € 350.20 |
| | Swallow Garage | Transport | € 153.80 |
| | Carmen Debattista | Library Opening May 10 | € 93.28 |
| | Golden Gate | Ink | € 129.22 |
| | WasteServ Ltd. | Tipping Fees April 10 | € 4,075.81 |
| | Charlie Fenech | Tipper Truck May 10 | € 1,320.00 |
| | Raymond Cutajar | School Hall Opening Mar-April 10 | € 257.28 |
| | Charlie Grech | Maintenance Gnien il-Kunsill | € 550.00 |
| | Go | Telephone Expenses | € 389.52 |
| | Premium Water Co. Ltd. | Rental Water Dispenser Yearly | € 84.00 |
| | Walsh's Ltd. | Buffet - Mothers Day | € 1,952.00 |
| 7845 | Alex Camilleri | Crane Service | € 100.00 |
| 7848 | Alfred Schembri & Sons Ltd. | P/O Triq ix-Xoghol | € 27,000.00 |
| 7849 | Maria Galea | Reimbursed Expenses - Hotel/Insurance Brussels | € 560.65 |
| | Elmein Ltd. | Lift Service - Parts | € 3.49 |
| | Allied | Advert | € 103.37 |
| | Alfred Schembri & Sons Ltd. | Works | € 4,000.00 |
| | | **Total Paid** | **€ 70,737.49** |

**Signature:** **Date:** **Resolution No:**